**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2018**

**Talba Nru: 206/2017PA**

**Signature Brands Limited**

**vs**

**Vigourtech Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat fis-17 ta' April 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici premettiet li hija topera fil-qasam ta' kiri u tiswijiet ta' vetturi; li hija tikri vettura BMW 5 Series lis-socjeta' konvenuta ghall-uzu tad-dirigenti taghha; li meta giet biex spiccat il-kirja tal-imsemmija vettura, u meta l-vettura giet imdahhla lura ghand is-socjeta' attrici gie nnutat li l-vettura kellha hsarat sostanzjali u kien gie maqbul li l-istess hsarat kellu jigu riparati bi spejjez tas-socjeta' konvenuta; li s-socjeta' attrici kellha taghmel xoghlijiet ta' bdil ta' diversi parts, *re-spraying* tal-vettura, *wheel alignment* u bdil ta' zewg *tyres* fost ohrajn; li s-socjeta' konvenuta diga' hallset lis-socjeta' attrici ghal numru ta' *parts* li kellhom jigu fornuti pero' baqa' bilanc ta' erbat elef disa' mija u disa' u sittin Ewro u hamsin centezmu (€4969.50), liema bilanc jirrelata ghall-*respray* tal-vettura, zewg *tyres* u *wheel alignment*, liema fattura qatt ma giet ikkontestata meta giet mibghuta u kontestata biss meta intalab il-hlas taghha; u li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma msemmija. Konsegwentement, is-socjeta' attrici

talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef disa’ mija u disa’ u sittin Ewro u hamsin centezmu (€4969.50), rapprezentanti servizzi rezi, materjal u parts skond il-fattura datata 3 ta’ Jannar 2017, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 525/2017 u tal-mandat kawtelatorju numru 445/2017, u bl-imghaxijiet mit-3 ta’ Jannar 2017.

Ra d-dokument anness mal-Avviz tat-Talba, senjatament il-fattura datata 3 ta’ Jannar 2017 mibghuta mid-ditta Signature Brands lis-socjeta’ konvenuta[1].

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha eccepiet li (i) hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici billi ma kriet l-ebda vettura minghandha; (ii) minghajr pregudizzju, is-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda kuntratt iffirmat mas-socjeta’ attrici, u ghalhekk il-pretensjonijiet taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jezisti l-ebda obbligu fuq is-socjeta’ konvenuta li thallas l-ammont mitlub; (iii) minghajr pregudizzju, is-socjeta’ konvenuta qatt ma ngaggat lis-socjeta’ attrici ghall-provvista ta’ servizzi, materjal u *parts* imsemmijin fil-fattura annessa mal-Avviz tat-Talba, u s-socjeta’ attrici ma rrendietx dawk is-servizzi u ma pprovdietx dawk il-materjali, li lanqas gew approvati mis-socjeta’ konvenuta; (iv) minghajr pregudizzju wkoll, jekk jigi stabbilit li kien hemm kwalunkwe relazzjoni bejn il-partijiet, u li dan huwa regolat bil-ftehim li kien hemm bejn is-socjeta’ konvenuta u RG Motors Limted, it-talba attrici ghandha xorta tigi michuda minhabba d-depozitu mhallas skond dak il-ftehim, u dan f’kull kaz wara li jigu ppruvati l-ammonti mitluba u r-responsabbilta’; (v) minghajr pregudizzju wkoll, is-socjeta’ konvenuta qatt ma accettat l-ebda assenjazzjoni tal-ftehim tal-kiri, liema assenjazzjoni ma kinitx permessa bil-ftehim; (vi) minghajr pregudizzju, is-socjeta’ konvenuta hija dovuta mis-socjeta’ attrici jew RG Motors Limited ammont li jeccedi l-ammont mitlub f’din il-kawza ghal *insurance premia* u *road license* fatturati skorrettement u mhallsa mis-socjeta’ konvenuta minflok mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xiehda tal-partijiet.

[1] Fol. 2

Ra d-dokumenti pprezentati minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawza li s-socjeta' attrici qed taghmel kontra s-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-ispejjez rimedjali biex issewwew hsarat f'vettura tat-tip BMW 5 Series, li kienet mikrija lis-socjeta' konvenuta ghall-uzu tad-direttur taghha Patrick Alfvegren.

**Rueben Galea**,[2] direttur manigerjali tas-socjeta' attrici, xehed li huwa direttur manigerjali tal-kumpanja. Qal li l-kumpanija tikri karozzi, u f'dan il-kaz kriet BMW 5 Series bin-numru ta' registrazzjoni RGZ 011 lill-konvenuta, ghall-uzu ta' Patrick Alfvegren u aktar il-mara tieghu. Ma saritx kitba dwar dan il-kuntratt ta' kiri, minhabba li ma kinetx l-ewwel darba li s-socjeta' attrici kienet qed tinnegozja mas-socjeta' konvenuta, pero' kienet tohrog fattura kull xahar lis-socjeta' konvenuta, u din kienet thallas permezz ta' *bank transfer*. Meta l-vettura kellu jsirilha s-*service* ghand l-istess socjeta' attrici, din sabet li l-vettura kien fiha hafna danni, u hadet stima tal-prezz biex jissewwew il-hsarat minghand Muscat Motors, li huwa l-agent tad-ditta f'Malta. Din l-istima ghaddietha lis-socjeta' konvenuta, fejn indikatlu li kien mehtieg ukoll xoghol ta' *spray*, li pero' ma kienx inkluz fl-istima.

Ix-xhud qal li lil Alfvegren kien jitkellem mieghu ghaliex kien imur fir-*restaurant* tieghu, u dan verbalment kien ikkonfermalu li jaqbel ma' din l-istima, pero' talbu zmien minhabba li l-vettura kellu bzonnha.

Ix-xhud kompla jghid li, fit-2 ta' Ottubru 2016, kienu avzaw lil Alfvegren li l-kera tal-vettura kienet ser toghla. Fil-5 ta' Ottubru 2016, Alfvegren talbu gimgha zmien biex jiddeciedi jekk jixtrix il-vettura, inkella jwaqqafx il-kirja, u fl-10 ta' Ottubru 2016 wiegeb li kien qed jaccetta li jhallas il-kera awmentata ghax-xahar ta' Ottubru 2016, pero' ma

[2] Ara xiehda, 8.11.2017, fol. 14 sa 17

riedx ihallas dik il-kera awmentata fix-xahrejn ta' wara u ried li f'Jannar 2017 jirritorna l-vettura. Is-socjeta' attrici irrifjutat it-talba tieghu ghal kera anqas ghax-xhur ta' Novembru 2016 u Dicembru 2016. Alfvegren accetta u s-socjeta' attrici qaltlu li riedet iddahhal il-vettura ghat-tiswijiet li kienu ftiehmu dwarhom f'Lulju ta' qabel. Fit-18 ta' Ottubru 2017, is-socjeta' attrici harget il-fattura tal-*parts*, u x-xhud irrimarka li din il-fattura ma kienet tinkludi ebda *markup* ghas-socjeta' attrici.

Ix-xhud kompla jispjega li, fit-2 ta' Novembru 2016, is-socjeta' konvenuta hallset kemm il-fattura tal-kera ghax-xahar ta' Ottubru 2016, u anke l-fattura tal-*parts*. Dawn pero' ma kinux jinkludu l-ispiza tal-*ispray* li kellha bzonn il-vettura. Qal ukoll li, meta l-vettura giet f'idejhom f'Novembru 2016, sabu li kellha bzonn tiswijiet ohra fil-*horn* u l-*airbags*, *tyre* u parti mekkanika minhabba li ma kinetx qed issuq sew. Dwar dawn ukoll, is-socjeta' attrici baghtet komunikazzjoni lis-socjeta' konvenuta, pero' dan ma wegibx.

Galea kompla jixhed li f'Jannar 2017 baghat ritratti bil-Facebook tax-xoghol ta' spray li kien qed isir fuq il-vettura. Fis-26 ta' Jannar 2017, meta x-xoghol kien lest, is-socjeta' attrici baghtet il-kont shih lis-socjeta' konvenuta. Dan il-kont huwa dak ezibit mal-Avviz tat-Talba, u ma jinkludix it-tiswijiet fuq il-*horn* u l-parti mekkanika. Is-socjeta' konvenuta lanqas ghal din ma wiegbet. Ix-xhud qal li ta spjegazzjoni ta' kollox lil Alfvegren, pero' l-hlas baqa' ma sarx u allura kellha bilfors issir din il-kawza.

Dwar l-identita' tal-kumpanija lokatrici, Galea xehed li RG Motors Limited kienet tikri vetturi zghar, u s-socjeta' attrici bdiet tikri karozzi akbar. Qal li meta sar dan it-tibdil, is-socjeta' konvenuta kienet debitament mgharrfa u ma ressqet ebda oggezzjoni ghall-fatturi mahruga lilha mis-socjeta' attrici. Dawn il-fatturi kollha thallsu hlief ghall-ahhar wahda, mertu ta' din il-kawza.

Ix-xhud Rueben Galea pprezenta diversi dokumenti in sostenn ta' din ix-xiehda tieghu, senjatament korrispondenza elettronika li ghaddiet bejnu u Patrick Alfvegren, bl-istima tal-prezz tal-partijiet mill-vettura li riedu jinbidlu[3], il-prova tal-hlas[4] mis-socjeta'

[3] Fol. 19

konvenuta lis-socjeta' attrici taz-zewg fatturi datata 11 ta' Ottubru 2016 (kera Ottubru 2016)[5] u tat-18 ta' Ottubru 2016 (spiza tal-*parts* li nbidlu)[6], it-tnejn mahruga minn Signatue Brands, flimkien mar-ritratti mehuda lill-vettura waqt li kienet qed tinzeba'[7].

In kontroezami, **Rueben Galea**[8] xehed li dwar il-kirja tal-vettura mertu ta' din il-kawza qatt ma kien hemm kitba. L-iskritturaipprezentata fl-atti kienet tirrigwardja kirja ta' vettura Audi u kienet ghal zmien sentejn. Qabel skada dak it-terminu, fuq talba ta' Patrick Alfvegren, dan kien inghata vettura tat-tip BMW 5 Series, u ma kien hemm ebda emenda tal-kuntratt, jew kuntratt ta' kiri, dwar din it-tieni vettura. Kulma kien hemm kienu fatturi tal-kera, li thallsu mis-socjeta' konvenuta inizjalment bi *transfer* bankarju, u aktar tard bic-cekkijiet. L-unika fattura mahruga mis-socjeta' attrici kienet datata 11 ta' Ottubru 2016 u thallset mis-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Novembru 2016, meta din hallset ukoll fattura ohra tal-partijiet mill-vettura li kellhom bzonn jinbidlu.

Fuq domanda tat-Tribunal, Galea spjega li kemm il-kumpanija RG Motors Limited u anke s-socjeta' attrici huma effettivament kontrollati minnu, pero' jaghmlu xoghol differenti ghaliex RG Motors Limited tikri karozzi zghar, u Signature Brands Limited tikri karozzi kbar.

Rueben Galea cahad li Alfvegren kellu oggezzjoni ghall-bidla fil-kumpanija lokatrici. L-oggezzjoni tieghu kienet ghall-awment fil-kera mitlub mis-socjeta' attrici. Galea insista li l-oggezzjoni dwar il-bdil fil-kumpanija lokatrici s-socjeta' konvenuta qajjmitha ghall-ewwel darba wara li spiccat din il-kirja. Meta Alfvegren ippropona li jhallas kera anqas sal-ahhar tas-sena 2016 u jirritorna l-vettura fl-ahhar tas-sena, is-socjeta' attrici ma accettatx il-proposta u hadet il-vettura lura.

Galea spjega wkoll li, fix-xhur ta' qabel intemmet il-kirja, huwa kellu relazzjoni tajba ma' Patrick Alfvegren, tant li dan kien jaghtih skonti fuq ikel u xorb mibjugh mir-

---

[4] Fol. 28
[5] Fol. 25
[6] Fol. 27
[7] Fol. 31 sa 35

restaurant tieghu 'Tapas' bi tpacija mal-hlas tal-kera tal-vettura dovut minnu. Dan l-arrangament kien verbali, kif kien verbali d-dritt li zammet RG Motors Limited li tittrasferixxi d-drittijiet taghha lil kumpanija ohra tal-istess azzjonist. Galea qal li s-socjeta' attrici ma setghetx tibqa' zzomm l-arrangament tat-tpacija kontra prezz ta' *catering*, u fil-korrispondenza elettronika s-socjeta' attrici infurmat b'dan lil Alfvegren.

Galea insista li s-socjeta' attrici ma ghamlitx profitti mas-socjeta' konvenuta mill-bejgh tal-*parts* jew mix-xoghlijiet l-ohra li saru fuq il-vettura tat-tip BMW. Huwa cahad li s-socjeta' attrici kienet intrabtet li taghti stima tal-ispiza taz-zebgha tal-vettura lil Alfvegren. Galea xehed ukoll li mir-risposta ta' Alfvegren *'Okidokie!'* ghall-email tieghu li *'Only the sprayer can know the cost and not me. We stick to the actual price for labour and spray works and not on an estimate. The car is booked for 3rd November at the sprayer and should be ready by end November'*.[9]

Ra l-affidavit bid-dokumenti[10] pprezentat fil-lingwa Ingliza minn **Patrik Alfvegren**, fil-kapacita' tieghu ta' direttur u rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta.

Alfvegren iddikjara li fis-16 ta' Gunju 2011, is-socjeta' konvenuta kriet minghand RG Motors Limited vettura tat-tip Audi A4 Convertible, u dana skond ftehim ta' lokazzjoni ezibit fl-atti[11]. Is-socjeta' konvenuta hallset depozitu ta' elf u tmien mitt Ewro (€1800), daqs tlett xhur kera miftiehem dak iz-zmien, rifondibbli lis-socjeta' konvenuta mat-terminazzjoni tal-kirja. Din is-somma, flimkien ma hlasijiet ohra in konnessjoni mal-licenzja u l-kopertura tal-assikurazzjoni tal-vettura, jiffurmaw il-mertu ta' kawza ohra li s-socjta' konvenuta ghadha pendenti kontra s-socjeta' attrici quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).[12]

Ix-xhud kompla jghid li, lejn l-ahhar tas-sena 2012, il-vettura Audi A4 inbidlet ma' BMW 530D Saloon, pero' ma sarx kuntratt ta' kiri gdid u lanqas gie emendat il-

[8] Ara xiehda fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2018
[9] Ara emails datati 11 ta' Ottubru 2016, Dok. PA4, fol. 58
[10] Fol. 43 sa 86
[11] Dok. PA1, fol. 47 sa 54

kuntratt ta' kiri ezistenti. Huwa xehed ukoll li din il-kirja spiccat fl-1 ta' Novembru 2016, u s-socjeta' konvenuta hallset il-kera shih dovut minnha ghall-kiri tal-vettura sa dakinhar. Skond ix-xhud, ir-raguni tat-terminazzjoni kienet li l-kumpanija lokatrici RG Motors Limited bdiet tippretendi li l-kirja ghaddietha lil Signature Brands Limited, u minhabba f'hekk talbet hlas ta' kera oghla, meta l-ftehim li kellha mas-socjeta' konvenuta ma kienx jippermetti dan. Alfvegren ipprezenta kopja ta' komunikazzjoni elettronika li ghaddiet bejnu u Rueben Galea meta s-socjeta' konvenuta ntalbet thallas kera oghla milli kienet qed thallas, u hija avzat lil Galea li l-kirja kienet ser twaqqafha b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, filwaqt li thallas il-kera mitlub ghax-xahar ta' Ottubru 2016 u kera ridott ghax-xahrejn 'l ohra sal-ahhar tas-sena 2016.[13]

Ix-xhud kompla jiddikjara li ghamel xhur jigbed l-attenzjoni ta' Ruben Galea ta' RG Motors dwar in-nuqqasijiet li kellha l-vettura mikrija lilu. Eventwalment, dan ra l-vettura u baghatlu stima tal-prezz tal-partijiet tal-vettura li riedu jinbidlu. Is-socjeta' konvenuta kienet accettat dik l-istima. Ix-xhud jinsisti li hu qatt ma accetta li l-kirja tigi assenjata minn RG Motors Limited lis-socjeta' attrici, pero' jaccetta li hallas il-fatturi li rcieva minghand din tal-ahhar dwar il-kera dovut ghax-xahar ta' Ottubru 2016, u dwar il-partijiet tal-vettura li riedu jinbidlu.

Alfvegren jilmenta li Galea naqas li jibghatlu, ghall-approvazzjoni tieghu, stima tal-prezz tax-xoghlijiet taz-zebgha li kienu ser isiru fuq il-vettura, wara li kien diga' talbu din l-istima u Galea wiegbu li din setghet tinghata biss ladarba l-vettura tiddahhal biex isirilha dan ix-xoghol. Huwa jghid li l-unika komunikazzjoni li rcieva fir-rigward waslet ghandu fis-26 ta' Jannar 2017, u kienet fattura tas-socjeta' attrici datata 3 ta' Jannar 2017. Wara li qies din il-fattura, u l-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta dwarha, Alfvegren irrapporta li wiegeb lil Galea dwarha fis-6 ta' Frar 2017, u pprezenta kopja tal-korrispondenza elettronika li ghaddiet bejnu u Galea fir-rigward.[14]

---

[12] Vigourtech Limited vs RG Motors Limited, Rik. Nru. 166/17GM
[13] Dok. PA2, fol. 55 sa 56
[14] Dok. PA7, fol. 67 sa 71

Fit-twegiba tieghu, ezibita fl-atti, Alfvegren ilmenta li ma kien jaf xejn fuq il-hsarat li kien hemm fit-*tyre*, ghaliex meta kellu tyre imnizzel segwa preciz l-istruzzjonijiet ta' Galea u hallas minn butu ghat-tiswijiet. Ilmenta wkoll li ma nghatax spjegazzjoni ghalxhiex il-vettura kellha bzonn tinzeba' kollha mill-gdid, minghajr ebda spjegazzjoni tar-rati tal-hlas, x'xoghol sar, iz-zebgha li ntuzat u l-prezz taghha, aktar u aktar meta kien inghata x'jifhem li kulma kellha bzonn ftit xoghol ta' zebgha. B'sinjal ta' rieda tajba, Alfvegren ghamel offerta ta' hlas ghas-saldu fis-somma ta' €2000, minghajr ammissjoni ta' dejn. Ghal din il-komunikazzjoni, Galea wiegeb immedjatament li l-vettura kellha bzonn iz-zebgha minhabba fl-istat hazin li Patrik Alfvegren u martu kienu hallew il-vettura, u li l-vettura kellha bzonn ukoll bdil ta' *tyre* u *wheel alignment*. Fil-15 ta' Frar 2017, Alfvegren wiegbu billi rega' talbu spjegazzjoni dettaljata tal-hlas mitlub ghaz-zebgha tal-vettura.

Fix-xiehda tieghu, Patrick Alfvegren spjega wkoll li din mhix l-ewwel istanza meta l-kumpaniji involuti qed jippretendu hlasijiet zejda minghandu u s-socjeta' konvenuta. Huwa dahal fid-dettall tal-kwistjoni li kellu ma' RG Motors Limited meta nduna li din kienet qed titlob hlasijiet zejda minghand is-socjeta' konvenuta dwar din il-lokazzjoni, senjatament hlasijiet dwar il-licenzji u l-kopertura tal-assikurazzjoni tal-vettura, li ghalihom intrabtet li taghmel tajjeb l-istess RG Motors, kif ukoll hlasijiet eccessivi ta' kera.[15]

In kontroezami[16], **Patrik Alfvegren** cahad li hu kien accetta li jikri l-vettura BMW 5 Series mertu ta' din il-kawza minghand is-socjeta' attrici, minflok minghand RG Motors, meta hallas il-fatturi li baghtitlu l-istess socjeta' attrici fix-xahar ta' Ottubru 2016. Skond hu, kien ikkomunika b'mezzi elettronici ma' Rueben Galea dak iz-zmien u oggezzjona ghal dan.

Alfvegren insista li huwa kien fehem li Rueben Galea kien ser jibghatlu stima tal-prezz tax-xoghol taz-zebgha fuq il-vettura, ladarba din tiddahhal biex jibda x-xoghol

[15] In sostenn ta' dan, Alfvegrenipprezenta diversi dokumenti, Dok. PA8 sa PA20, fol. 72 sa 86
[16] Ara xiehda fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2018

fuqha. Kien ghalhekk li ma qabbadx *surveyor* biex jaghtih stima. Huwa cahad li r-ritratti li rcieva minghand Galea tal-vettura qed tinzeba' kienet il-vettura li kien jikri hu. Fuq domanda tat-Tribunal, Alfvegren iddikjara li hu ma talabx li jmur jara l-vettura waqt li kien qed isirilha x-xoghol ta' zebgha.

Dwar ir-ragunijiet tieghu ghaliex ma hallasx il-fattura mertu ta' din il-kawza, Alfvegren iddikjara li din il-fattura ma tghid xejn dwar is-sieghat ta' xoghol li saru fuq il-vetturi, u r-rati tal-hlas mitluba. Aktar u aktar meta, skond Alfvegren, il-prezz mitlub minghandu jirraprezenta madwar terz tal-prezz tal-vettura fiz-zmien in kwistjoni.

Fuq domanda tat-Tribunal, Alfvegren iddikjara li hu ma kien jaf xejn dwar li l-vettura kellha bzonn bdil tat-*tyres* ta' wara, u *alignment* f'*tyre* wiehed. Qal li dawn issemmew lilu ghall-ewwel darba wara li l-vettura ma baqghetx fil-pussess tieghu, ghalkemm jiftakar li kellu diskursata fuq it-*tyres* ma' Rueben Galea.

Mistoqsi ghaliex ma baghatx *surveyor* tieghu biex jivverifika x-xoghlijiet, Alfvegren xehed li ma rax raguni ghalxhiex jerga' jikkomunika ma' Rueben Galea. Il-vettura ma regax raha wara li rritornaha. Qal li ma jafx jekk ix-xoghlijiet sarux verament, u sal-lum baqa' minghajr fattura spjegata. Pero' kkonferma li kien ircieva l-komunikazzjoni elettronika datata 25 ta' Novembru 2016 minghand Rueben Galea.[17]

Ikkunsidra wkoll li:

Mill-atti processwali jirrizulta li l-bazi tat-talba attrici hija r-responsabbilta' kuntrattwali li tippretendi li ggorr favur taghha s-socjeta' konvenuta minhabba li naqset mill-obbligu taghha li tiehu kura adegwata u zzomm fi stat tajjeb il-vettura mikrija lilha, tat-tip BMW 5 Series, bin-numru ta' registrazzjoni RGZ 011, b'rizultat li l-vettura garrbet hsarat. Skond is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta hallset ghal parti mill-ispejjez relattivi, konsistenti fil-prezz tal-partijiet mill-vettura li kellhom bzonn jinbidlu, pero'

[17] Fok. RG8, fol. 29

fadlilha thallas l-ispiza taz-zebgha tal-vettura, u l-ispiza tal-bdil tar-roti ta' wara u tas-servizz tal-*wheel alignment*.

Id-difiza principali tas-socjeta' konvenuta kontra din it-talba hija li hi qatt ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' attrici Signature Brands Limited, u li ma tirrikonoxxihiex bhala l-kumpanija lokatrici tal-vettura msemmija.

Filwaqt li huwa minnu li r-relazzjoni lokatizja tas-socjeta' konvenuta bdiet mas-socjeta' RC Motors Limited, u kienet regolata bil-kuntratt ta' kiri datat 16 ta' Gunju 2011 ezibit fl-atti, dik il-kirja skadiet definittivament fit-terminu miftiehem espressament, u ma jirrizultax mill-atti li l-kirja giet imgedda bil-kitba, jew li saret kirja gdida bejn is-socjeta' konvenuta u RC Motors Limited, jew is-socjeta' konvenuta, dwar il-vettura BMW 5 Series bin-numru ta' registrazzjoni RGZ 011. Dan ma jfissirx li r-relazzjoni lokatizja dwar din it-tieni vettura ma ezistietx, ghaliex il-ligi ma tehtiegx xi forma partikolari, wisq anqas il-forma skritta, ghall-validita' ta' kirja bhal dik.[18]

Gie pruvat li, bir-rieda taz-zewg kummercjanti[19] - RC Motors Limited u s-socjeta' konvenuta – saret kirja gdida bejniethom dwar din it-tieni vettura, u ghajr ghall-kera, zammew l-istess kundizzjonijiet. Fid-dinja tar-relazzjonijiet kummercjali, dan il-metodu nsibuh spiss u komuni, aktar u aktar meta wiehed iqis li fil-frattemp id-dirigenti taz-zewg kumpaniji dahlu f'relazzjoni kemmxejn personali, anke b'arrangament ta' tpacija ma' prezz ta' servizzi ta' ikel fir-*restaurant* immexxi mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li effettivament kien qed juza din il-vettura mikrija. It-Tribunal ghalhekk iqis li l-kirja tal-vettura BMW 5 Series bin-numru ta' registrazzjoni RGZ 011 bdiet bejn il-kumpanija RC Motors Limited u s-socjeta' konvenuta, bil-kera mitlub mill-kumpanija lokatrici u accettat mis-socjeta' konvenuta, u bil-bqija tal-kundizzjonijiet ga maqbula fl-iskrittura tal-kiri tas-16 ta' Gunju 2011.

---

[18] Ara **art. 1525(1)** tal-Kodici Civili
[19] Ara **art. 7**, Kodici tal-Kummerc

F'Ottubru 2016, is-socjeta' RC Motors Limited issostitwiet ruhha bil-kumpanija attrici bhala l-kumpanija lokatrici ta' din il-vettura lill-kumpanija konvenuta. Dan jirrizulta car mill-fatt li (i) Rueben Galea iddikjara dan car fil-korrispondenza elettronika li kellu ma' Patrik Alfvegren dak iz-zmien; (ii) kienet is-socjeta' attrici li baghtet il-fattura tal-kera ghax-xahar ta' Ottubru 2016, debitament accettata u mhallsa mis-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Novembru 2016; (iii) kienet l-istess socjeta' attrici li baghtet il-fattura tal-partijiet li riedu jinbidlu fil-vettura, u li dwarhom is-socjeta' konvenuta kienet diga' tat il-kunsens taghha xhur qabel, anke din debitament accettata u mhallsa mis-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Novembru 2016.

It-Tribunal josserva li s-socjeta' attrici naqset li tipprova kemm it-titolu taghha fuq din il-vettura, u anke l-akkwist da parti taghha tad-drittijiet li RC Motors Limited kellha bhala kumpanija lokatrici ta' din il-vettura favur is-socjeta' konvenuta. Pero', it-Tribunal ma jistax ma josservax li, sakemm is-socjeta' konvenuta kienet ghadha moqdija bil-vettura, u kienet ghadha qed tifhem li ser jinstab arrangament dwar kera anqas, jew trasferiment, tal-vettura, allura ghazlet li ma tippersistix bil-kwistjonijiet li seta' kellha bic-cessjoni tad-drittijiet minn RC Motors Limited u s-socjeta' attrici Signature Brands Limited, u <u>tirrikonoxxi</u> bhala l-lokatur taghha lill-istess Signature Brands Limited bil-hlas tal-kera, kif mitluba.

Ma tistax allura, wara dan kollu, is-socjeta' konvenuta tippretendi li hija ma rrikonoxxietx lis-socjeta' attrici bhala l-kumpanija lokatrici taghha, u allura mhix il-legittima kuntradittrici ghat-talba mressqa minnha ghall-hlas tal-ispejjez tat-tiswija tal-vettura, wara li din giet ritornata lilha mat-terminazzjoni tal-kirja.

Jifdal imbaghad il-kwistjoni jekk it-talba tas-socjeta' attrici ghar-rimbors minghand is-socjeta' konvenuta tat-telf li tghid li nkorriet bi htija taghha – ossia l-ispejjez biex zebghet il-vettura, bidlet ir-roti ta' wara u ghamlet il-*wheel alignment* – hijiex gustifikata.

It-Tribunal qies il-provi skarsi mressqa mis-socjeta' attrici f'dan ir-rigward. Is-socjeta' attrici kellha kull opportunita' li tressaq l-ahjar prova (i) tal-hsarat li kien fiha l-vettura meta giet ritornata lilha f'Novembru 2016 mis-socjeta' konvenuta; (ii) tal-htiega tat-tiswijiet li taghhom qed titlob il-hlas b'din il-kawza; (iii) tal-ezekuzzjoni effettiva ta' dawn ix-xoghlijiet; u (iv) tat-telf attwalment inkors minnha, konsistenti fl-ispiza mhallsa minnha ghall-ezekuzzjoni ta' dawk ix-xoghlijiet. Minn dan kollu, is-socjeta' attrici ma ppruvat xejn. Kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tressaq l-ahjar prova dwar dawn il-hsarat, u n-ness kawzali man-nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta, li allura jiggustifikaw it-talba taghha f'din il-kawza.

Wara li qies il-provi kollha mressqa mill-partijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma li, sa certu punt, din il-karenza ta' prova da parti tas-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghaliha s-socjeta' konvenuta bid-dikjarazzjonijiet tar-rapprezentant legali taghha, kemm fix-xiehda li ta quddiem dan it-Tribunal, u anke mir-risposti, jew in-nuqqas taghhom, ghall-korrispondenza elettronika mibghuta lilu mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Rueben Galea. Dan qed jinghad b'mod partikolari b'riferenza (i) ghar-risposta li ta Alfvegren ghall-avviz ta' Rueben Galea li ma setax jaghtih stima tal-ispiza taz-zebgha qabel il-vettura tiddahhal biex jibdew ix-xoghlijiet (*'Okidokie!'*), (ii) ghan-nuqqas ta' risposta ta' Alfvegren ghall-avviz ta' Rueben Galea li l-vettura nstabulha hsarat ulterjuri li taghhom kienet qed izzomm lis-socjeta' konvenuta responsabbli, (iii) ghan-nuqqas ta' risposta ta' Alfvegren ghar-ritratti mibghuta lilu tal-vettura fil-kors tax-xoghlijiet; u (iv) ghall-offerta volontarja li ghamel Alfvegren lil Galea, qabel bdiet il-korrispondenza legali u saret din il-kawza, li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn Ewro (€2000) ghas-saldu.

Dan kollu meqjus, u b'applikazzjoni tal-ekwita' skond il-ligi, it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni li dan il-hlas offrut volontarjament mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, qabel bdiet din il-kawza, jirraprezenta kumpens adegwat ghad-danni li s-socjeta' konvenuta accettat li kkagunat lill-vettura mertu ta' din il-kawza sakemm damet mikrija lilha.

Ghal kull bwon fini, id-difiza tas-socjeta' konvenuta li kwalunkwe somma dovuta minnha ghall-hsarat li halliet fil-vettura in kwistjoni ghandha tigi pacuta mal-ammonti pretizi mis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici b'rifuzjoni tad-depozitu mhallas minnha fl-2011 lil RG Motors Limited, u ammonti ohrajn imhallsa indebitament minnha, ma tistax tintlaqa' billi dik ir-rifuzjoni tifforma l-mertu ta' proceduri ohra intavolati mis-socjeta' konvenuta, u li huma indipendenti ghal kollox minn din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq spjegati, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta sa fejn inkompatibbli ma' dawk hawn deciz, jilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet u jilqa' limitatament it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn Ewro (€2000).

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha f'din il-kawza.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Gudikatur**